MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2008

Appell Civili Numru. 433/2005/1

**Marlene Mizzi**

**vs**

**Onorevoli Ministru Agostino Pio sive Austin Gatt**

**Il-Qorti,**

Fid-9 ta’ Mejju, 2008, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza in parte fl-ismijiet premessi:-

> “Il-Qorti:-
>
> Rat illi l-attrici pprezentat avviz fir-Registru ta’ din il-Qorti fejn talbet lil Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni opportuna ta’ din il-Qorti li l-intervista ntitolata ‘*No prospects for national shipping line*’ li giet ppublikata fil-harga tal-gurnal ‘The Times’ tal-ewwel (1) ta’ Lulju 2005 (Dok. A) hija libelluza fil-

konfront tal-attrici billi hija wahda malafamanti bil-ghan li ttellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni taghha fit-termini ta' dak li tipprovdi l-Ligi ta' l-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta) u li tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici dik is-somma li tigi stabbilita minn din il-Qorti li ma teccedix il-hamest elef lira Maltin (LM5,000) a tenur ta' l-artikolu 28 tal-Ligi dwar l-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta).

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mill-prezenti sal-pagament effettiv w il-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut ipprezentata fit-tnejn w ghoxrin (22) t'Awissu, 2005 u li permezz taghha huwa ecepixxa:-

1. Preliminarjament, il-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju billi huwa mhux azzjonabbli taht il-Ligi ta' l-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta) peress li ma jistghax jigi citat la taht l-Artikolu 23 u lanqas taht l-Artikolu 24A.

2. Minghajr pregudizzju ghal premess, li t-twegibiet verbali li ta l-konvenut ghall-mistoqsijiet maghmula lilu mill-intervistatur, mhumiex libelluzi billi jikkonsistu fl-opinjoni tal-konvenut (msejjha '*value judgements*' fil-gurisprudenza tal-European Court of Human Rights) li huwa ntitolat jesprimi kif garantit mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem w ghalhekk jammontaw ghall-'*fair comment*'.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ikkunsidrat;

Illi nhar it-tmienja (8) ta' Frar 2006 xehed l-**Onorevoli Ministru Austin Gatt** in subizzjoni fejn mistoqsi jghid ta' min kienet l-inizjattiva ta l-

intervista li ta u li giet rapportata fil-gurnal ‘The Times’ nhar l-ewwel (1) ta’ Lulju 2005, huwa jghid li ma kienx jiftakar, ghalkemm bhala procedura s-soltu l-inizjattiva tkun tal-intervistatur. Jghid li jiftakar li kien gie intervistat fl-ufficcju tal-Ministeru tieghu u jiftakar ukoll li l-attrici kienet ukoll tat xi ntervista, ghalkemm ma jiftakarx jekk kienitx qabel jew wara li kien ta tieghu. Jikkonferma li ma kienx ircieva d-domandi tal-intervista qabel ma gie hekk intervistat u lanqas ma kien ra l-intervista li kien irrilaxxja qabel ma kienet giet ippubblikata. Jikkonferma li l-intervista li giet ppublikata, li huwa kien ta b’mod verbali, ma kienitx ezatt dak li ntqal minnu, ghalkemm tirrispekkja b’mod generali dak li kien qal u jikkonferma li ma talab l-ebda rettifika fil-pubblikazzjoni li kien ghamel Steve Mallia.

Il-gurnalist **Steve Mallia** xehed ukoll nhar it-tmienja (8) ta’ Frar 2008 u qal li kien hu li kien cempel lill-konvenut u kien talbu ghall-intervista, izda mbaghad ighid li kien il-PRO tal-Ministru li kien talbu jekk riedx jintervista lill-konvenut. Jispjega li l-intervista ma kellhiex ikollha xi sugett partikolari u kellha tkun wahda generika u li kien hu li xtaq li l-intervista tirrelata ghas-suggett in kwistjoni, ghaliex fil-fehma tieghu, l-kwistjoni tas-‘Sea Malta’ kienet t’interess generali ghall-pubbliku. Ikkonferma li huwa ma kienx baghat id-domandi tal-intervista lil Ministru qabel l-intervista li zamm, ghalkemm kien qallu li tali intervista kienet ser tigi pubblikata. Lanqas ma gie mitlub sabiex jibaghat kopja tal-intervista li kellha tigi pubblikata.

L-istess gurnalist izid jghid li hadd ma ra l-intervista qabel ma kienet giet ippublikata. Fil-fatt izid ighid, li lanqas biss kien informa lill-Ministru bid-data meta kien ser jippublikaha, ghalkemm kienet giet ippublikata xi jumejn jew tlieta wara li kien intervistah. Jghid ukoll li ma jiftakarx li xi hadd talbu jaghmel xi rettifika tal-intervista pubblikata nhar l-ewwel (l) ta’ Lulju 2005. Mistoqsi

‘n kontr’ezami jekk kienx informa lil PRO tal-Ministru li kien ser jintervistah fuq il-kwistjoni tas-‘Sea Malta’ qabel l-intervista per se, ix-xhud wiegeb fin-negattiv.

L-attrici **Marlene Mizzi** xehdet nhar l-ghoxrin (20) t’April 2006 u spjegat li l-intervista li kien irrilaxxja l-Ministru, kien irrilaxxjha wara li kienet tat intervista hija stess fuq diskors li kien ghamel l-istess Ministru konvenut fil-Parlament. Skond l-attrici, fl-intervent parlamentari tieghu, l-Ministru Gatt stqarr li wahda mir-ragunijiet ‘l ghala ried ixolji lis-‘Sea Malta’, kienet minhabba t-tberbiq tal-flus mic-*Chairman* tal-istess socjeta. Fl-intervista taghha, l-attrici kienet sfidat lill-Ministru Gatt sabiex jerga jirrepeti din l-allegazzjoni barra mill-bini tal-Parlament u fil-fatt, skond l-istess attrici, hekk ghamel il-Ministru Gatt fl-intervista li huwa ta u li giet ippubblikata fil-gurnal ‘The Times’ ta’ nhar l-ewwel (1) ta’ Lulju, 2005 u kien ghalhekk li ghamlet din il-kawza.

L-attrici **Marlene Mizzi** regghet xehdet nhar is-sittax (16) ta’ Mejju 2007 w ikkonfermat, meta giet murija l-intervista tal-Ministru Austin Gatt maghmula mill-gurnalist Steve Mallia, li parti minnha tattakka l-integrita taghha. Irripetiet li meta l-Ministru qal li c-*Chairman* tas-socjeta ‘Sea Malta’ kienet qed tisparpalja l-flus, hija hasset ruhu malafamata peress li hija kienet il-persuna li kienet tokkupa din il-kariga. Spjegat li fil-fatt ir-*reporter* Steve Mallia kien uza l-istess kelma ta’ ‘*squandering of monies*’ fil-konfront taghha meta kien qed jintervista lill-konvenut u dan ma kkoregix lil gurnalist.

Spjegat li hija kienet marret ghand il-Prim Ministru bir-rizenja taghha ta’ *Chairperson* tas-socjeta ‘Sea Malta’ nhar it-tmienja (8) ta’ Gunju 2005 u l-Prim Ministru kien talabha sabiex terga tahsibha ghaliex huwa kellu l-appogg tal-Kabinet fil-konfont taghha w ghalhekk talabha sabiex ma tinsistix fuq

ir-rizenja taghha u kien talabha taghtih ghaxart ijiem cans sabiex jitkellem mal-Kabinett. Kien ghalhekk li dakinhar m'insistitx ghar-rizenja taghha, ghalkemm nhar l-ghoxrin (20) ta' Gunju 2005 hija rrizenjat minn tali kariga.

Spjegat li kienet tokkupa l-kariga ta' *Chairperson* tas-'Sea Malta', ghandha l-kumpanija taghha t'Insurance, kienet Direttur tal-Bank of Valletta u kemm is-socjeta assikuratrici taghha, kif ukoll l-Bank of Valletta huma regolati mill MFSA w ghalhekk l-integrita taghha kienet importanti hafna stante li huma socjetajiet finanzjarji pubblici. Ghalhekk spjegat li hija hasset ruhha ingurjata b'dak li qal il-konvenut fuqha b'mod pubbliku u dan ghaliex kieku kien minnu kien ikollha riperkussjonijiet koroh hafna. Tghid ukoll li wara li qrat l-intervista li rrilaxja l-konvenut, kien hemm diversi nies li avvicinawha u qalulha li ma basrux li kien ser ikun hemm intervista bhal din.

**Jesmond Saliba** xehed nhar il-hmistax (15) ta' Novembru 2007 u spjega li huwa jokkupa l-kariga ta' *Communications Co-Ordinator* fil-Ministeru ta' l-Investiment, Industrija u Arti u kien jokkupa din il-kariga tul is-sena 2005.

Ikkonferma li l-kuntatti li jsiru ma l-Istampa mal-Ministeru jsiru tramite l-persuna tieghu. Qal li huwa l-persuna responsabbli sabiex jaghmel difussjoni ta' dak kollu li hemm bzonn li jigi diffuz tramite l-Istampa. Jghid ukoll li gieli kien hemm okkazzjonijiet fejn l-Istampa tittrasemtti l-idejat taghha direttament lill-Ministru u gieli kien hemm okkazzjonijiet fejn huwa jkun talab lill-istess Stampa ghal intervista mal-Ministru.

Huwa gie muri l-intervista esebita a fol. 2 tal-process u jghid li huwa ma kienx involut fiha u zied ighid li gimgha qabel ma harget din l-intervista, kienet harget stqarrija mill-Ministeru tieghu, fis-sens li l-Ministru ma kienx ser

jikkumenta aktar fuq dan il-kaz partikolari. Ikkonferma li fl-ebda hin ma kien talab lil Steve Mallia sabiex jiehu din l-intervista tal-Ministru. Huwa kien talab lil Steve Mallia sabiex il-Ministru jaghti intervista fl-gheluq it-tieni sena tal-legislazzjoni tal-Gvern tieghu. Jghid li huwa ma kellu x'jaqsam xejn ma dak li gie mistoqsi lilu u rappurtat f'din l-intervista. Izid jghid li l-laqgha bejn il-Ministru u l-gurnalist f'dan il-kaz, kien irrangha hu, izda ma kellu x'jaqsam xejn mal-kontenut taghha.

Ikkonferma wkoll li fl-ebda hin ma kien talab li jara t-*text* tal-intervista qabel ma giet ippublikata. Lanqas ma jirrizultalu li l-Ministu kien ghamel xi rettifika dwar xi parti minn din l-intervista. Qal li kien jaf li l-attrici kienet tat intervista fuq il-gurnal dwar il-kwistjoni tas-socjeta 'Sea Malta' u fil-fatt il-Ministru kien irreagixxa billi hareg stqarrija u ddikjara li ma kienx ser jikkumenta aktar dwar il-kwistjoni.

Rat in-nota ta sottomissjonijiet tal-konvenut prezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-sbatax (17) ta' Jannar 2008 u dik responsiva tal-attrici nhar il-wiehed w ghoxrin (21) ta' Jannar 2008.

Semghet il-partijiet jittrattaw l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut fis-seduta ta' nhar l-erbgha (4) ta' Marzu 2008 fejn l-partijiet talbu lill-Qorti taghti sentenza preliminari fuq din l-ewwel eccezzjoni, u fil-fatt din il-kawza giet differita ghal dan il-ghan.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi permezz ta' din il-kawza l-attrici qed tghid li l-intervista li saret mal-Ministru Austin Gatt, konvenut f'dan il-proceduri, hija wahda libelluza u konsegwentement talbet id-danni.

Il-konvenut da parti tieghu, jwiegeb ghal din il-kawza billi jressaq eccezzjoni preliminari fis-sens li huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju ‘l ghaliex huwa ma huwiex azzjonabbli taht il-Ligi ta’ l-Istampa u dan peress li ma jistax jigi citat, la taht l-artikolu 23 u lanqas taht l-artikolu 24A tal-Kap. 248.

Din is-sentenza hija biss limitata ghal din l-ewwel eccezzjoni.

Jibda biex jinghad li l-artikolu 23 tal-Kap. 248 isemmi l-persuni li kontrihom tista titmexxa l-azzjoni, kemm dik ta’ natura penali u kemm dik ta’ natura civili. Dawn il-persuni huma:

a) l-awtur tal-kitba, jekk huwa jkun kitibha sabiex tigi ppubblikata, jew jekk ikun ta’ l-kunsens tieghu ghal hekk;

b) l-Editur, jew, jekk dawk il-persuni ma jkunux jistghu jigu identifikati,

c) ir-responsabbli ghall-pubblikazzjoni.

B’zieda ma dan l-artikolu tal-ligi, l-artikolu 24A tal-istess Kapitolu, jipprovdi wkoll li jistghu jittiehdu proceduri kemm ta’ natura penali u kemm ta’ natura civili, kontra “*kull persuna li tkun ghamlet diskors pubbliku f’cirkostanzi fejn hija tkun taf jew ragonevolment setghet tkun taf, jew tistenna li l-kontenut tieghu se jigi pubblikat f’gazzetta jew f’mezz tax-xandir u fil-fatt ikun kollu jew parti minnu hekk ippubblikat*”.

Il-konvenut ressaq it-tezi li d-diskors li sar bejnu u bejn il-gurnalist tal-gurnal ‘The Times’, u cioe Steve Mallia, kien wiehed privat w ghalhekk, galadarba huwa ma huwiex la l-awtur u lanqas l-Editur tal-gurnal ‘The Times’, allura huwa m’huwiex azzjonabbli taht il-Ligi ta’ l-Istampa.

Isostni wkoll li l-artikolu 24A tal-Kap. 248 huwa applikabbli biss meta jsir diskors pubbliku.

Fid-dawl tal-provi mressqa sa issa quddiem din il-Qorti, hija tistqarr li ma taqbilx ma din is-sottomissjoni u konsegwentement mal-eccezzjoni preliminari mqanqla minnu. Dan qieghed jinghad a bazi tal-fatt li kien Jesmond Saliba, l-*Communications Co-Ordinator* fil-Ministeru tal-Ministru konvenut, li kien talab lill-gurnalist Steve Mallia sabiex il-Ministru jaghti ntervista ‘n konnessjoni mal-hidma tal-Ministeru tieghu fl-gheluq tat-tieni sena ta’ legislatura Nazzjonalista. B’hekk il-hsieb wara din l-intervista kien, li l-pubbliku jkun jaf, tramite l-mezzi tax-xandir, f’dan il-kaz permezz ta’ pubblikazzjoni f’artikolu fil-gurnal ‘The Times’, il-hidmiet tal-Ministeru kappaggjat mill-konvenut.

Gara izda li meta l-gurnalist Steve Mallia iltaqa mal-Ministru konvenut, huwa infurmah li xtaq li din l-intervista tkun tikkonsisti f’zewg partijiet u dan peress li huwa xtaq specifikatament jintervista lill-Ministru konvenut dwar is-suggett tas-‘Sea Malta’. Il-Ministru, skond ma jirrizulta mill-provi, qaghad ghall din l-intervista, minkejja li huwa ma kienx jaf x’ser ikunu d-domandi lilu mposti. Dan nonostante pero, jirrizulta li l-Ministru kien jaf li l-intervista li kien qieghed jirrilaxxja, kienet ser tigi ippubblikata.

Fil-fehma tal-Qorti, din l-intervista tikkwalifika bhala diskors pubbliku, minkejja l-fatt li jirrizulta mill-provi li d-diskors sar bejn tnejn min nies biss, u cioe bejn il-gurnalist Steve Mallia u l-Ministru Austin Gatt. Id-diskors sar pubbliku malli tali ntervista giet ippubblikata.

Il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni mressqa mill-konvenut, li dak li qal lil gurnalist, ma jikkwalifikax bhala diskors pubbliku. Jekk wiehed ikollu jinterpreta l-ligi b’dan il-mod, allura jkun ifisser li jekk bniedem, waqt intervista juza kliem

dispregjattiv u malafamanti fil-konfront ta’ bniedem iehor, u tali ntervista tigi pubblikata, il-persuna li tkun ghamlet tali malafama, ma tkunx responsabbli ghal dak li tkun stqarret. Dan fil-fehma tal-Qorti ma huwiex l-ispirtu tal-ligi.

Dan kollu ovvjament qieghed jintqal minghajr ma l-Qorti qeghda b’xi mod tidhol u tesprimi ruhha dwar il-mertu tal-kaz, li ghadu impregudikat, u li l-partijiet ghad iridu jressqu l-provi dwaru.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta u tiddeciedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Ministru Austin Gatt u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

L-ispejjez ta’ din l-istanza jibqghu riservati ghal gudizzju finali.”

L-aggravju tal-konvenut fil-kontestazzjoni ta’ din is-sentenza, li cahdet l-eccezzjoni preliminari tieghu, hu redatt f’dawn it-termini:-

I. L-artikolu, oggett tal-kawza, inkiteb minn gurnalist wara intervista privata li dan kellu mieghu;

II. Huwa ma huwiex l-awtur tal-pubblikazzjoni;

III. Biex il-kwalifika libelluza tad-diskors tigi attirata lejh irid jirrizulta li dak kien diskors pubbliku. Fil-kaz prezenti d-diskors kien wiehed privat u la dan huwa hekk jonqos ir-rekwizit necessarju biex hu jkun azzjonabbli taht l-Artikolu 24A tal-Kapitolu 248;

IV. L-attrici ghazlet rimedju skorret meta bbazat l-azzjoni taghha taht l-Att dwar l-Istampa;

Biex ikun verifikat jekk ghandhiex tigi ppreferuta l-interpretazzjoni tat-test tal-ligi fl-Artikolu 24A suddett, kif sottomessa mill-appellanti, jew dik, invece, ta’ l-ewwel Qorti, li l-appellanti jikkwerela, jokkorri, qabel xejn, li jigu

hawn riprodotti l-aspetti fattwali l-aktar sinjifikativi kif dawn johorgu mill-materjal probatorju fl-inkartament tal-kawza. Fil-kaz partikolari jirrizulta mill-atti illi:-

1. Il-konvenut kien intervistat mill-gurnalist Stephen Mallia fl-ufficcju tieghu gewwa l-Ministeru;

2. Fi kliem l-imsemmi gurnalist "*I recall it was Dr. Gatt's PRO who effectively asked me whether I would want to have me interview the Minister*". Ara deposizzjoni tieghu a fol. 15. F'dan hu korroborat mix-xhud Jesmond Saliba (fol. 33), Communication Co-Ordinator fil-Ministeru, li kkonferma illi l-laqgha ghall-intervista rrangaha hu;

3. Mill-istess deposizzjoni tal-gurnalist (fol. 15 *et sequitur*) irrizulta li "*at the time the issue of Sea Malta was of public interest"* u "*I did inform the Minister that this interview was going to be published*";

Forsi ta' min izid ghall-iskop ta' l-istharrig tal-punt ventilat bl-aggravju illi, skond ma xehdet l-attrici, il-pubblikazzjoni ta' l-intervista, li minnha hassitha malafamata, kellha l-genesi taghha fi stqarrija li l-konvenut kien ghamel fil-Parlament fejn issemma minnu tberbiq ta' fondi pubblici minnha fil-veste taghha ta' Chairman tas-Sea Malta. Dwar dan hi kienet sfidatu f'intervista li kellha ma' gunalist tat-"Times of Malta" biex dik l-istqarrija tieghu jirrepetiha barra l-Parlament u dan, skond hi, hekk ghamel bl-intervista ppubblikata li minnha oggezzjonat. Sa hawn, ir-rakkont jixxiebah ghal dak tal-fatti rizultanti mill-kawza fl-ismijiet "**Dottor Austin Gatt *nomine* -vs- Onorevoli Tony Nicholl *et***", finalment deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Ottubru, 1999;

Fil-fehma ponderata ta' din il-Qorti l-qaghda li tohrog mill-kwadru tal-fatti premessi hi wahda li tintegra fiha rapport ma' dak tar-rikjam specifiku li johrog mit-test tal-ligi fl-Artikolu 24A tal-Kapitolu 248 li hekk jipprovdi:

“L-azzjonijiet kriminali u civili imsemmija fl-artikolu 23 ta’ dan l-Att jistghu jittiehdu wkoll kontra kull persuna li tkun ghamlet diskors pubbliku f’cirkostanzi fejn hija tkun taf jew ragonevolment setghet tkun taf jew tistenna li l-kontenut tieghu se jigi pubblikat f’gazzetta jew f’mezz tax-xandir u fil-fatt ikun kollu jew parti minnu hekk ippubblikat”;

Hi, b’mod generali, it-tezi preponderanti ta’ l-appellanti illi dik l-intervista tieghu mal-gurnalist tat-“Times of Malta” ma kienetx tesorbita mill-isfera strettament privata u, la dan huwa hekk, id-dikjarazzjonijiet, stqarrijiet jew twegibiet tieghu ma setghux jikkwalifikaw ghal dak ta’ “diskors pubbliku” skond il-vot tad-disposizzjoni appena riportata. Il-konsegwenza ta’ din it-tezi, skond l-appellanti, hi dik li, ankorke kien responsabbli ghal dak li ntqal minnu verbalment, dik ir-responsabilita` tieghu ma kienetx regolata taht il-Kapitolu 248. Ma’ din it-tezi ristrettissima mfissra mill-appellanti, din il-Qorti rispettosament ma taqbelx;

Fil-kuntest, il-Qorti qed taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:-

(1) Ibda biex, ma jirrizultax illi l-espressjoni “diskors pubbliku”, li l-ligi tonqos milli tiddefinixxi, tinsab cirkoskritta ghal diskors li jkun intqal ta’ bilfors f’post pubbliku – bhal fil-kaz ta’ xi “*meeting*” jew konferenza stampa miftuha jew accessibbli minn migemgha jew kongregazzjoni ta’ gurnalisti u persuni ohrajn. Hu sufficjenti, fil-hsieb tal-Qorti, illi dak id-diskors ikun intiz ghall-pubbliku. Dan, indipendentement, mill-fatt jekk min jassisti ghalih ikunx wiehed jew hafna u, indipendentement ukoll, jekk s-sejha ghas-smigh tieghu tkunx generali jew ristretta. L-importanti hu li dak id-diskors ikun destinat ghall-pubbliku anke jekk bl-adoperu ta’ gurnalist bahla vejikolu tal-kontenut tieghu;

(2) Mill-istess kwadru informatur tal-fatti f’dan il-kaz l-istedina li l-konvenut, tramite l-PRO tieghu fil-Ministeru, ghamel lill-gurnalist tal-gurnal popolari prexxelt

ma setax ma kienx dak li hu jirrendi pubbliku l-fehmiet tieghu fuq l-affari tas-Sea Malta, oggett ta’ interess pubbliku ghall-konoxxenza tal-veduti tieghu fuq certi fatti korrelatati u soggett ta’ kronaka vivaci fil-mument storiku ta’ l-intervista. Dak li ntqal minnu ma kienx semplici *tête-à-tête* intiz biss ghall-widna tal-gurnalist fl-ambjent konfinat ta’ l-ufficcju izda dikjaratament mahsub li jkun pubbliku u ppubblikat. Jekk xejn, b’rejazzjoni ghal dak li seta’ nghad mill-attrici f’intervista precedenti taghha ma’ l-istess gurnal;

(3) Huwa veru li l-konvenut jiddikjara fix-xhieda tieghu illi l-gurnalist li intervistah ma informahx li kien ser jippubblika l-intervista. Apparti li dan hu pero zmentit mill-istess gurnalist Stephen Mallia fix-xhieda tieghu, huwa difficli ferm ghal din il-Qorti illi taccetta dak asserit mill-konvenut, meta jirrizulta tant car minn certi dikjarazzjonijiet ta’ xhieda ohra, fosthom dik ta’ Jesmond Mallia, illi kien il-konvenut, anke jekk talvolta permezz tal-Ministeru, illi invita lill-gurnalist u li dan gharrfu li dik l-intervista kienet ser tigi hekk divulgata lill-qarrejja tal-gurnal. Anke minn dan jinzel illi dik l-intervista qatt ma kienet, lanqas fl-intendiment tal-konvenut, illi tkun wahda sempliciment privata. Hu, anzi, ried li diskorsu b’dawk l-opinjonijiet u veduti jkun pubblicizzat u diffus lill-pubbliku in generali permezz tal-gurnal. Din il-manifestazzjoni tal-volonta tieghu tohrog b’mod ovvju mill-kumpless tal-provi;

Il-Qorti tista’ tieqaf hawn in kwantu, fuq ir-responsabilita` interpretativa taghha ta’ l-Artikolu 24A ta’ l-Att, issib li l-azzjoni giet sewwa diretta mill-attrici kontra l-konvenut. Mhux il-kaz, allura, li tinoltra ruhha biex tinvesti l-materja mill-perspettiva ta’ l-Artikolu 23, senjatament is-subparagrafu (a) tieghu. Dan anke ghaliex kemm mill-korp tas-sentenza appellata kif ukoll minn dak ta’ l-aggravju dwarha huwa evidenti illi t-terren tar-*ratio decidendi* u ta’ l-impunjattiva tieghu mill-appellanti kienu maggorment, jekk mhux ukoll, esklusivament, arginati fuq it-tifsira guridika li kellha tinghata lis-succitat Artikolu 24A;

Hu, forsi, opportun qabel ma tikkonkludi illi l-Qorti twiegeb ghal certa osservazzjoni prospettata jew issuggerita mill-appellanti fir-rikors ta' l-appell. Dan fejn hu jargumenta illi, se mai, l-attrici kellha wkoll rimedju legali kontra l-awtur tal-kitba, ossija kontra l-gurnalist, u l-editur tal-gurnal li ppubblika l-intervista. Jidher illi ghal dan l-argoment tirrispondi sewwa l-fehma kontinentali kontenuti f'dawn is-siltiet estratti minn decizjonijiet tal-**Qorti tal-Kassazzjoni Taljana** fuq is-suggett u li mal-veduti espressi fihom ttendi din il-Qorti:-

"*In tema di diffamazione a mezzo stampa, la condotta del giornalista che, pubblicando il testo dell'intervista, riporti dichiarazioni, del soggetto intervistato oggettivamente lesive dell'altrui reputazione, non può dirsi illecita qualora il fatto in se dell'intervista, in relazione alla qualita` dei soggetti coinvolti, alla materia in discussione ed al più generale contesto in cui le dichiarazioni sono state rese, presenti indiscutibili profili di interesse pubblico all'informazione, tale da prevalere sulla posizione soggettiva del singolo, e tali da giustificare, per l'effetto, l'esercizio del diritto di cronaca*" (**Cass. 25 ta' Frar, 2002, Numru 2733**). "*L'interesse sociale delle notizie viene in rilievo anche nel caso in cui il giornalista diffonde un'intervista lesiva all'altrui reputazione. Soltanto nel caso in cui l'intervistato occupi una posizione di alto rilievo nell'ambito della vita politica, sociale, economica, scientifica, culturale, il giornalista puo essere sollevato da responsabilita` per diffamazione.*" (**Cass. Sezione Unita, 30 ta' Mejju, 2001**) Dawn il-brani huma mehuda mill-opra tal-**Franzoni** ("**Le obbligazioni de fatto illecito**", Ed. Utet, 2004 pagna 177).

Ghall-motivi kollha predetti l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata fuq l-eccezzjoni preliminari kkonfermata, bl-ispejjez kontra l-konvenut appellanti. L-atti qed jigu rimessi lura lill-ewwel Qorti ghal kontinwazzjoni u definizzjoni tat-talba u ta' l-eccezzjoni rimanenti ghaliha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------